MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 213/2011

**Barriera Tax Warehouse Limited (C 33912)**

**vs**

**NM Arrigo Limited (C 6283)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob m'ghand is-Socjeta' Konvenuta hlas ta' tmien mija, hamsa u tmenin Ewro (€885.00) bhala bilanc ghal *storage facilities*. Ghal dan tressqet RISPOSTA li:-

i. It-talba hi nfondata.
ii. Fit-Talba mhemmx ghal xhiex qed issir u hi nieqsa minn xi prospett.
iii. M'hemmx taghrif bizzejjed biex issir difiza xierqa.
iv. Is-Socjeta' Konvenuta ma tistax tiddefendi ruhha sew.

II PROVI

1. Dawn huma biss siltiet mill-provi li jridu jitqiesu fuq dak kollu migbur fil-process.

2. **Victor Micallef** kien General Manager tal-Kumpanija Attrici fiz-zmien rilevanti ghall-AVVIZ tal-lum. Jipprovdu *storing facility* ghal sigaretti mportati u "wines and spirits" skond tariff stabbiliti. Ix-xoghol jigi rilaxxat meta l-importatur jipprezentalhom id-dokumenti skond il-ligi. Is-Socjeta' Konvenuta riedet tmur fi *private bond* izda sa Dicembru 2008 baqghu ihallsu ghal merkanzija mas-Socjeta' Attrici. Hawn ta' dettalji dwar merkanzija tajba u ohra li riedet tigi distrutta. Fir-rigward esibixxa Dok MV1 sa 6 fejn f'Dok 6 hemm spjegazzjoni tal-*quantum* mitlub. Huma ma kellhomx il-facilitajiet, skond il-ligi, biex jiddistruggu merkanzija. Dan is-Socjeta' Konvenuta kienet tafu.

3. Il-hlas kien jiddependi mill-ispazju okkupat u t-tul tal-okkupazzjoni u l-istat tal-merkanzija ma kienx importanti ghalihom. L-*invoices* waqfu meta l-ahhar merkanzija giet distrutta.

4. **Patrick Vassallo** ssuccieda lix-xhud precedenti f'Settembru 2009. Sab il-kont pendenti u drabi (drabi ohra ma rnexxilux) kkomunika ma Joe Galea tas-Socjeta' Konvenuta biex jara x'kienet il-problema imma qatt ma kellu risposta.

5. **Joe Gala**, direttur tas-Socjeta' Konvenuta qal li Dok VM6 *a fol* 23 jirriferi ghal spazju ta' xoghol li kien gie distrutt ghal diversi zmien. Fir-rigward esibixxa Dok JG (*fol* 28) ittra tad-19.01.2006 b'istruzzjonijiet relativi. Marco Farrugia kien imqabbad mis-Socjeta' Konvenuta b'kuntatt dirett mas-Socjeta' Attrici dwar distruzzjonijiet.

6. **Marco Farrugia**, qal li hu burdnar u *delivery man* mas-Socjeta' Konvenuta u kien jikkommunika mas-Socjeta' Attrici. Spjega dwar distruzzjoni ta' xoghol u supervizjoni mid-Dwana.

   Ghad-distruzzjoni, l-applikazzjoni kienet dmir tas-Socjeta' Konvenuta. Hu ta' dettalji dwar diskors li kellu ma Victor Micallef u x'fehem.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn ghandna *storage* ta' spiriti u tabakk ghal haddiehor, taht is-sorveljanza tad-Dwana. Importatur li ma kellux *bond* tieghu kien jirrikorri ghas-servizz tas-Socjeta' Attrici, bil-merkanzija tinhareg ftit ftit anke kompatibilment ma *cash flow*. Is-Socjeta' Konvenuta kienet wahda mill-klijenti tas-Socjeta' Attrici izda s-Socjeta' Konvenuta kienet fil-process li jkollha *bond* taghha awtorizzat.

2. Jirrizulta li s-Socjeta' Konvenuta kien fadlilha xi xorb mhux tajjeb ghall-konsum. Is-Socjeta' Attrici riedet li l-klijent jizbarazzalha izda dan ma kienx f'qaghda li jaghmel dan u l-ispazju baqa okkupat. Qed nitkellmu ghall-perijodu 01/01/2009 u l-ahhar tal-istess sena. Is-Socjeta' Konvenuta ma riedetx tiehu ghandha merkanzija tinten u sadattant qamet kwistjoni dwar trasferiment tal-merkanzija f'kamra tal-banju tas-Socjeta' Attrici li ma kienetx tintuza u dana bl-ghan li jigu frankati spejjes ta' magazinagg.

3. Meta jqis kollox, it-TRIBUNAL josserva li kienet hasra li wara negozju felici bejn il-kontendenti l-affarijiet spiccaw kif spiccaw. Is-socjeta' Attrici qatt ma kellha f'mohha li toffri servizz gratuwitu lis-Socjeta' Konvenuta. Meta s-Socjeta' Konvenuta giet ha topera l-*bond* taghha ma riedetx iddahhal spiriti skaduti u jintnu fi hwejjigha. Da parti tas-Socjeta' Attrici kien hemm koperazzjoni meta dil-merkanzija giet trasferita ghal xi *bathroom* mhiex uzata izda ma jirrizultax li dan kellu jsir bla ebda hlas.

4. Fic-cirkostanzi, anke kif obbligat jaghmel statutorjament, it-TRIBUNAL, b'sens ta' ekwita' ser jirriduci ftit il-*quantum* mitlub.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jilqa** t-Talba Attrici fl-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00c) u jichadha ghall-bqija (2) **jilqa** l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' Konvenuta in kwantu kompatibbli ma dak deciz dwar it-TALBA (3) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha l-ohra (4) **jikkundanna** lis-Socjeta' Konvenuta biex thallas lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* ta' €600, b'dana li l-hlas isir sa mhux aktar tard minn tletin jum mil-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (5) **jordna** li l-ispejjes tal-kawza jithallsu kwart mis-Socjeta' Attrici u tliet kwarti mis-Socjeta' Konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------